MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 1069/2012

**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**
**VS**
**FERAS KERT**
**HAKAM JASIM**
**HUSSEIN ALKURT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Feras Kert ta’ 38 sena, bin Mohammed Kert u Khawada nee’ Steh, mwieled Sirja fl- 10 ta’ Awwissu 1973, residenti 46, Triq San Fidiel, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 82409L;

U

Hakam Jasim ta’ 25 sena, bin Jasim Hasan u Jasim nee’ Sahar mwieled is- Sirja fis- 26 ta’ Jannar 1987, residenti

187, Triq Gejtanu, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 33818A;

U

Alkurt Hussein ta’ 21 sena, bin Alkurt Mohammed u Sateh nee’ Hawada mwieled Sirja fil- 25 ta’ Jannar 1991, residenti 187, Triq Gejtanu, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 74340A;

Talli fl- 14 ta’ Ottubru 2012 gewwa Hamrun f’ inhawi ohra f’ dawn il- Gzejjer Maltin;

1. flimkien ma’ numru ta’ persuni ohra qajmu rewwixta jew glieda bil- hsieb li jaghmlu offiza fuq diversi persuni;

Lil Hussien Alkurt, Hakam Jasim u Feras Kert;

2. talli fl- istess data, hin u cirkostanzi gewwa l- lokalita’ tal- Hamrun ghall- habta tal- 10.10pm permezz ta’ xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad- dannu ta’ Joseph Muscat li ghandu numru tal- identita’ 319170M u/jew ta’ persuni ohra liema hsara ma teccedix €1164.69;

3. talli fl- 14 ta’ Ottubru 2012 ghall- habta ta’ xi 10.10pm gewwa l- Hamrun hebbew ghal Matilde Muscat u Lourdes Kert u kkagunawlhom griehi ta’ natura hafifa hekk kif certifikat mit- tobba Dr L. Grech MD (Reg no. 3489) u Dr A. Bartolo MD (Reg No. 3013) rispettivament;

4. talli hadu parti attiva f’ gemgha ta’ ghaxra min- nies jew aktar, migburin bil- hsieb li jaghmlu reat, ukoll jekk din il- gemgha ta’ nies ma kienet giet mxewxa minn hadd partikolari;

5. talli volontarjament kisru l- bon ordni jew il- kwiet pubbliku;

6. talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin lejn it- twieqi u bibien ta' haddiehor;

7. talli hebbew kontra persuna/I sabiex jingurjawhom, idejquhom jew biex jaghmlulhom il- hsara;

8. talli ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid;

Lil Hussein Alkurt wahdu;

9. talli fl- 14 ta' Ottubru 2012 ghall- habta tad- 9.30pm gewwa fil- Hamrun u f' dawn il- Gzejjer Maltin hedded bi kliem li jaghmel offiza fuq il- persuna ta' Lourdes Kert;

10. talli fl- 14 ta' Ottubru 2012 gewwa dawn il- Gzejjer Maltin zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil- ponta minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

Lil Feras Kert wahdu;

11. talli f' diversi hinijiet matul il- gurnata tal- 14 ta' Ottubru 2012 u fil- gimghat ta' qabel b' diversi atti maghmulin b' resoluzzjoni li tikser l- istess disposizzjoni tal- Ligi hedded li joqtol lil martu Lourdes Kert, lil bintu ta' disa' snin Anthea Kert u lil Priscilla Attard;

12. Flimkien ma' theddid lil Lourdes Kert, lil bintu ta' disa' snin Anthea Kert u lil Priscilla Attard ukoll fil-kaz ta' theddid bil- fomm, ghamel ordni jew kundizzjoni;

13. talli matul l- istess zmien imesmmi fl- akkuza precedenti, gab ruhu b' mod li jaghti fastidju lil martu Lourdes Kert;

14. aktar talli f' dawn l- ahhar gimghat bl- imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta' tieghu jew kontra l- persuna jew il- propjeta' ta' xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra imsemmija fl- Artikolu 222(1) tal- Kap 9;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-verbal ta' llum stess, fejn dehru l-parti leza assistiti mill-avukat difensur taghhom, u ddikkjaraw li qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati kollha, u talbu lill-Qorti sabiex ma jixhdux f'dawn il-proceduri, stante li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza;

Rat illi l-parti leza kienet thallset ta' kull hsara li sofriet f'dan l-incident, u ghalhekk ma kellha ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-imputati;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 79, 325, 221, 68(2), 338(dd), 339(1)(c), (d) u (e), 249, 18, 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 6 u 7 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputati hatja tal- ewwel (1), it-tieni(2), ir- raba' (4), il- hames(5), is- sitt(6) u l- ghaxar (10) akkuzi u ghaldaqstant tilliberahom.
Tiddikjara it- tielet (3), is- seba' (7), it- tmien(8), id-disa'(9), il- hdax(11), it- tnax(12), it- tletta(13) u l-erbghatax(14) akkuzi procediment ezawrit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------